MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1374/2003

**Euro Freight Services Limited**
**Vs**
**Topserv Limited**

**It-Tribunal,**

**Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna ghall-hlas tas-somma ta' Lm87.45 (sebgha u tmenin lira maltin u hamsa u erbghin centezmu) ghal-servizzi rezi.**

**Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 22 ta' Mejju, 2003 u tal-mandat ta' sekwestru numru 1486/03 u bl-interessi, kontra s-socjeta' konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.**

**Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta, fid-13 ta' Ottubru, 2003 naqset u ma dehritx meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra,**

**Jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjes u interessi kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------